**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum, 15 ta' Marzu 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Zammit)**

**Vs**

**MARIO GATT**

**Kump.Nru.434/2013**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Mario Gatt** numru tal-karta tal-identita 363375(M), gie akkuzat talli fit-23/04/2012, ghall-habta tal-10:30hrs gewwa Triq l-Imdina, Zebbug;

1. Soqt vettura bin-numru ALX-130 b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, (c) bla kont;

2. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmelo Baldacchino skond kif iccertifika Dr. Satya Brata Das M.D. minn Mater Dei Hospital

Il-Prosekuzzjoni titlob lill-Qorti li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 15 ta' Marzu 2016, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, u dana anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-atti processwali, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm traskuragni jew perikolozita` fl-estrem taghhom izda l-Qorti hija tal-fehema li kien hemm nuqqas ta` attenzjoni minn naha ta` l-imputat li kien il-kagun ta` dan l-incident;
b. il-fatt li civilment il-mertu ta` dan il-kaz gie rizolt minn naha tas-socjeta` assikuratrici; kif ukoll ir-rinunzja da parti ta` Carmelo Baldacchino (ara l-verbal tas-seduta 19/01/2016);

c. l-ammissjoni ta` l-imputat, li ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65, u l-Artikoli 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Mario Gatt hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Mario Gatt bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Mario Gatt fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur